## Angelus

Andrea Castelli (Addattata għall-Malti minn Dun C. Sciberras)

```
C         G         C          G  C
Lilek Omm Alla, b' għaxqa insellmulek
       F        C       F            C G
X' ħin tfiġġ il-għodwa l-għanja ngħannulek
G7             C      G7        C
Bil-ferħ, bil-hena, qlubna mogħnija
F      C           F G C
Ave Marija, Ave Mar-i-ja.
```

X' ħin b' saħħa tizreġ, ix-xemx ħanina
F' nofs il-jum sbejjaħ, biex ħajja ttina
L-ilħna lejk nerfgħu, f' għanja smewwija:
Ave Marija, Ave Marija.

X' ħin jgħib minn fuqna dad-dawl fiddieni
U d-dalma taqa' tal-lejl sewdieni,
Lilek insellmu, ja Omm qawwija,
Ave Marija, Ave Marija.

F C G G7

